Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-405 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**Item 1 – Attendenza u Apoloġiji**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joe Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Robert Buhagiar u s-Sinjura Anna Calleja. Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

Is-Sur Keith Pisani kien skuzat.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tal-404 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

**Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti**

Il-Viċi Sindku s-Sur J J Pace qal li kien ikkuntatja lis-Sinjura Liliana Camilleri mit-team ta' Xarabank dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill flimkien mar-residenti tal-lokal fil-programm xarabank. Is-Sur Pace qal li l-Kunsill ġie mitlub jorganizza t-trasport għar-residenti. Fuq proposta tal-Viċi Sindu li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jipparteċipax f'dan il-programm.

Is-Sur Pace staqsa jekk il-Kunsill kienx interessat li ssir mappa dettaljata fejn tinkludi postijiet storiċi tal-lokalita'. Is-Sindku qal li l-Kunsill għalissa ma kienx f'pozizzjoni li jagħmel din il-mappa.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienx ġie rranġat l-arblu tad-dawl li hemm maz-zebra crossing fi Triq il-Kunvent. Is-Sindku qal li kien kellem lill-kuntrattur sabiex dan l-arblu jitressaq.

Is-Sur Bonnici qal li kien wieġeb fil-ġurnal lokali lir-resident dwar il-korrispondenza li dehret fil-ġurnal lokali dwar ħmieġ taz-zwiemel fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser joffri korsijiet tal-*Computer* bla ħlas.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta dwar talba tar-residenti sabiex issir *road hump* fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Grech ppropona li tintbgħat korrispondenza lir-residenti fejn tintalab l-opinjoni tagħhom jekk jaqblux li jsiru *road humps* f'din it-triq. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li tittieħed l-opinjoni tar-residenti qabel ma jsiru *road humps* f'din it-triq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumpanija *Vodafone Malta Limited* fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ipoggu il-Mobile Unit fi Triq is-Santwarju. Fuq proposta tas-Sur J J Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjona li jitpogga Mobile Unit fejn qabel kien hemm il-venda fi Triq is-Santwarju.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Fgura sabiex jiġu rranġati l-bankini li hemm fi Triq Kunsill tal-Ewropa. Is-Sur Bonnici qal li dan l-ilment kien diġa tressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

Inqrat Memo 35/2012 mibgħuta minn mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Gvern kien ser jipprovdi l-finanzjament tas-salarju tal-persuni b'diżabilita' impjegati taħt din l-iskema. Is-Sindku talab sabiex il-proċess tal-għazla jsir wara li jittermina l-proċess ta' l-għazla ta' l-Skrivan/a fi Skala 15.

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord ta' l-Għażla kompost mis-Sindku, mil-Viċi Sindku, mis-Sur Buttigieg, mis-Sur Bonnici u mis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għazla u biex iressaq ir-rakomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-segretarja ta' Radju Elenjani fejn il-Kunsill ġie mistieden ixxandar l-attivitajiet tiegħu permezz tar-Radju Elenjani.

Inqrat Memo 38/2012 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' inizjattivi ta' attivitajiet 2012/2013. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-iskema. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jpparteċipa f'din l-iskema.

Inqrat korripondenza mibgħuta mill-kumpanija ESL Gross Market fejn intalab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitwaħħlu erba' antarjoli sabiex isir tizjin tal-Milied fi Triq tal-Labour. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir dan it-tizjin sakemm ma jinħoloqx periklu u inkonvenjent għar-residenti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Għaqda Poeti Maltin dwar ir-rivista tagħha Versi li tiġi ppublikata tliet darbiet fis-sena għall-prezz ta' €5. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur J J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri din ir-revista.

Inqrat korripondenza mibgħuta mic-Chairman tan-NASOM fejn il-Kunsill ġie infurmat li ser issir laqgħa nhar il-Erbgħa, 7 ta' Novembru 2012 dwar l-applikazzjoni li saret mil-funderija Hompesch Steel. Is-Sindku u s-Sur Bonnici kienu ser jattendu għal din il-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-bilanċ tal-fondi *Urban Improvement Fund* (UIF) sa tmiem Settembru 2012 kien ta' €60,874.83.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Settembru, 2012 sal-24 ta' Ottubru, 2012 li kien jammonta għal €55,923.22. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

<u>Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għal perjodu Jannar – Settembru 2012. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport Finanzjarju għal perjodu Jannar – Settembru 2012.

Is-Sindku ressaq petizzjoni tar-residenti li joqgħodu fi Triq il-Grazzji fejn qed jipproponu li f'din it-triq isir parkegg biss għar-residenti. Is-Sur Grech qal li kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* ta' din it-triq u l-isqaqin tal madwar u għalhekk talab li hekk kif isir ix-xogħol ta' *resurfacing* il-Kunsill jikteb lill-Transport Malta sabiex isiru l-*parking bays* f'din it-triq.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva zewġ risposti biss dwar il-bdil tal-isem ta' parti minn Triq il-Kapuccini sabiex isir in-numerar tal-bibien. Is-Sur Grech talab sabiex il-Kunsill jerġa jibgħat korrispondenza lir-residenti fejn jerġu jingħataw l-opportunita' li jagħtu l-opinjoni tagħhom.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg dwar il-kaz li qajmet mad-Dipartiment l-impjegata tal-Kunsill Isabella Testaferrata de Noto dwar tnaqqis fil-payroll ta' April 2012 peress li wara numru ta' xhur ġie allegat li ċ-ċertifikat mediku ta' jumejn mard ta' Ġunju 2011 ma nstabx. Il-Kunsill ġie infurmat li jekk l-ammont ma kienx ser jiġi rifondut lil-impjegata, id-Dipartiment kien ser jirreferi il-kaz il-qorti.

Il-Viċi Sindku ppopona li l-impjegata Isabella Testaferrata De Noto tiġi rrifonduta l-ammont li ġie mnaqqas mis-salarju tagħha. Is-Sur Buhagiar ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jiġi rrifondut lura l-ammont ta' €97.87.

Is-Sur Grech talab sabiex id-Dipartiment Relazjonijiet Industrijali u Impjieg jiġi infurmat bid-deċizjoni tal-Kunsill. Kif ukoll li s-Sinjura Testaferrata tiġi mitluba li tagħmel dikjarazzjoni meta tiġi rrifonduta l-ammont li ġie mnaqqas mis-salarju tagħha. Din id-dikjarazzjoni għanda tiġi ffirmata mis-Sindku u mibgħuta lid-Dipartiment. Is-Sur Grech qal ukoll li għanda tinbidel is-sistema ta' kif jinzammu ċ-ċertifikati tal-mard tal-impjegati.

Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

Fit-7.30 ta' filgħaxija s-Sur J J Pace talab li jkun skużat.

Tressqet korrispondenza mibgħuta mill-Avukat Dr Mario Caruana dwar is-sentenza fil-kawza Bonnici Brothers vs Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar. Il-Qrati sab favur Bonnici Brothers abbazi tal-ekwita' minkejja li l-Kunsill kien ingħata parir mid-Dipartiment għall-Gvern Loklai sabiex ma jħallas l-ammont mizjud fir-rati għar-radam. Il-Kunsill ġie mitlub iħallas lill-Kumpanija Bonnici Brothers is-somma ta' ħamest elef, mitejn ħamsa u sebgħin ewro, sittax-il ċentezmu (€5,275.16) bl-imgħaxijiet legali mis-16 ta'Awwissu 2007 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta'Awwissu, 2007. Il-Kunsill ġie infurmat mill-Avukat li m'hemmx bazi għal appell fi zmien għoxrin ġurnata.

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sindku, l-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lid-Dipartiment fejn jiġi nfurmat li l-Kunsill ġie mitlub iħallas lill-Kumpanija Bonnici Brothers l-ammont mizjud fir-rati għar-radam.

Is-Sur Buhagiar talab sabiex issir Konferenza Stampa fejn il-Kunsill jagħti spjegazzjoni tas-somma li ġie mitlub iħallas meta il-Gvern kien introduċi zieda fid-drittijiet pagabli għad-depozitu tar-radam f'sit pubbliku, liema zieda ġiet introddotta mil-Gvern Ċentrali wara li ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-kumpanija Bonnici Bros.

Is-Sindku qal li l-Korporazzjoni tal-Ilma u Servizzi infurmat lill-Kunsill li l-Kumpanija Vella qed titlob rati aktar għola għad-double handling. Is-Sindku qal li sakemm jintlaħħaq qbil mal-kuntrattur u l-Koporazzjoni isir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Magħsar. Is-Sindku qal li kien ser jitkellem mal-Perit. Is-Sur Grech talab li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Avukat tal-Kunsill.

Is-Sur Bonnici talab li l-Kunsill jinforma lir-residenti ta' Triq il-Grazzja u minn joqgħod fl-isqaqin Numru 1 sa 4 li bħalissa hemm nuqqas ta' qbil mal-kuntrattur u għalhekk ix-xogħol ta' *resurfacing* f'dawn it-toroq kien għadu ma mbediex.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Avukat dwar it-talba tal-Kumpanija Vella sabiex tittermina l-kuntratt li għandha mal-Kunsill għall-manutenzjoni ta' toroq f'Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill ġie infurmat li setgħa jiddeċiedi li jtemm il-kuntratt fi kwalunkwe zmien basta javza lill-kuntrattur bil-miktub.

Is-Sur Buhagiar ppropona li l-Kunsill jaċċetta t-talba tal-Kumpanija Vella sabiex jittermina l-kuntratt u li l-avukat tal-Kunsill jintalab jħejji d-dokumenti meħtieġa biex jiġu ffirmati mill-kuntrattur Vella sabiex jiġi tterminat dan il-kuntratt. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill dwar il-laqgħa li saret flimkien mas-Sindku u l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Alison Agius biex tiġi diskussa l-proposta tal-Kunsill sabiex taħdem darba fil-ġimgħa kull nhar ta' Sibt filgħodu wara li temmilha l-*career break.* Is-Sinjura Agius talbet li taħdem is-Sibt wara nofs inhar. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta t-talba tas-Sinjura Agius.

Is-Sur Buhagiar ippropona li toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet biex jiġu organizzati korsijiet fl-infomatika fil-Bini tal-Kunsill b'effett minn Jannar 2013. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill kwotazzjoni mingħand *Bitmac(Works) Ltd* għall-*cold asphalt.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-offerta.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill kwotazzjoni mingħand Terracore Ltd għas-servizz ta' *asphalt testing* għall prezz ta' €259.60. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-offerta.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ma kienx irċieva l-ebda kwotazzjoni għas-servizz ta' *concrete* u *road marking paint.*

Is-Sur Grech xtaq jirringrazzja lill-ħaddiem tal-IPSL li hu assenjat mal-Kunsill għax-xogħol li qed iwettaq.

Inqraw il-minuti tad-31 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

**<u>Item 6-Affarijiet Oħra</u>**

Is-Sindku qal li kien iltaqgħa mal-kuntrattur sabiex jinbidlu il-globi li hemm quddiem il-kappella kif ġie mitlub mill-Grupp Pastorali Ċentru Santa Marija.

Is-Sur Buttigieg qal li kien ser jiltaqgħa mal-perit tal-GAL nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ottubru 2012 dwar Triq Ħas-Sajjied.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jinbidel u jsir ġdid il-*bus shelter* li hemm fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Buttigieg talab ukoll li għandha titgħatta il-*manhole* li hemm quddiem il-*bus shelter* peress li qed trejjaħ. Is-Sur Grech talab sabiex iz-zona ħdejn il-*bus shelter* tiġi mdawwla.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tiġi rranġata *manhole* li hemm fi Triq il-Kapuccini fil-viċinanza tal-*Maypole* kif ukoll fi Triq Hompesch quddiem residenza 21. Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq Farfett tal-Fejġel ma Triq iz-Zarzarell.
Is-Sur Bonnici talab sabiex l-Kunsill japplika għal-meter tad-dawl fi Gnien Tamara Psaila.

Is-Sur Bonnici semma li l-latrini kienu qed jingħalqu qabel il-ħin u għalhekk talab sabiex jitwaħħlu tabelli bil-ħinijiet tal-ftuħ. Is-Sur Bonnici talab ukoll sabiex il-kuntrattur jiġi infurmat b'dan.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn sabiex tigi rranġata l-bankina li hemm quddiem residenza numru 88 Triq Santa Duminka kif ukoll bankina li hemm quddiem residenza numru 227 fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sinjura Calleja talbet sabiex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent ma' Triq Felice.

Is-Sinjura Calleja issuġġeriet li ritratti ta' l-esebizzjoni li saret mic-Chinese Cultural Centre jingħataw lid-Dar Sagra Familja.

Is-Sur Grech talab sabiex isiru parking bays kif ukoll *single yellow lines* fi Sqaq Bursett u talab sabiex isir *double yellow lines* fi tarf ta' Triq il-Ħofra.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-406 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 21 ta' Novembru, 2012.

Domenic Agius
Sindku